KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

Ref: 5/75/194/12

**Minuti tal-Laqgha Nru. 75**

Il-Kunsill iltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 6 ta' Marzu 2012. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Vici-Sindku Alfred Borg, il-Kunsillier Seychell, il-Kunsillier Dalli, il-Kunsillier Lynch u l-Kunsiller Borg Myatt.

Il-Kunsillier Ferris kien assenti.

Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia.

Is-Sindku Dominic Grima ppresjeda din il-laqgha.

**1) Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru.74**

1.1 – Dawn il-minuti gew approvati mill-membri tal-Kunsill nem.com.

**Korrezzjonijiet – Minuti tal-Laqgha Nru. 74**

**Item 2– Korrispondenza** – ghandu jizdied 2.4 – Ittra mill-Hibs FC – dwar advert biex isir fil-pubblikazzjoni tad-90 sena. Il-Kunsill approva li jsir backpage ghas-somma ta' €400.

**2) Korrispondenza**

2.1 – Ittra mill-Paola Bocci Club – Is-Segretarju, is-Sur Joseph Spiteri baghat ittra dwar talba tal-kumitat biex il-Kunsill jghinhom finanzjarjament fix-xiri tal-madum jew billi jipprovdi l-madum methieg. Wara diskussjoni, gie deciz li filwaqt li l-Kunsill jaqbel li jghin, din l-ittra ghandha tigi diskussa mal-legislatura l-gdida tal-Kunsill.

2.2 – Art Exhibition – Saret talba mis-Sur Caruana biex jesebixxi xi tpingijiet fis-sala tal-kunsill lokali Paola. Il-membri tal-kunsill approvaw.

2.3 – Bus stage quddiem Hibs Club – Is-Sindku qal li kien sar protest gudizzjarju mill-Kunsill rigward l-bus stage fi Pjazza Antoine De Paule li kien sar quddiem ir-residenzi u Hibs Club.

2.4 – Ittra mis-sidien tal-hwienet fi Triq Haz-Zabbar, Paola – Uhud mis-sidien tal-hwienet baghtu ittra lill-kunsill biex issir un/*loading bay* fi Triq Haz-Zabbar. Il-membri tal-Kunsill qabblu li tintbaghat ittra lit-Trasport Malta dwar dan.

**4) <u>Pagamenti</u>**

4.1 - Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill ghas-somma ta' €67,823.03. Il-Membri tal-Kunsill qabblu li cekk nru 4351 pagabbli lil SR Environmental Solutions Ltd ghas-somma ta' €1,326.32 jigi kkancellat.

4.2 – Ghaldaqstant, il-membri tal-Kunsill approvaw is-somma ta' €66,496.71.

4.3 – Re cekk nru 4336 – Wara diskussjoni, il-membri tal-Kunsill qabblu li qabel jinhareg dan ic-cekk, ix-xoghol ta' *patching* li sar ghandu jigi ccertifikat mill-perit tal-Kunsill.

4.4 – Re cekk nru 4348 – Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar dan il-pagament. Is-Segretarju qal li dan hu l-hlas tal-imwejjed tal-kompjuters li saru fl-ufficini l-antiki tal-Kunsill Lokali.

4.5 – Re cekk nru 4351 – Gie deciz lid an ic-cekk ghandu jigi kkancellat.

**3) <u>*Tender No 1/12 - Collection of Mixed Household Waste*</u>**

3.1 – Ghal din it-tender kien hemm 4 offerti, dik ta' R&A Waste Services Ltd, dik ta' Anthony & Helen Zammit, dik ta' Elton John Zammit u dik ta'Wilson Mifsud.

3.2 – Il-membri tal-Kunsill evalwaw it-*tenders* kollha mitfugha.

3.3 - dwar *criteria* 1.1 – *human resources to be dedicated to the contract*, sar qbil li ghalkemm kien hemm min ghandu hafna haddiema, dawn huma mifruxin fuq aktar minn kunsill wiehed peress li kien hemm min ghandu aktar minn kuntratt wiehed f'diversi kunsilli lokali ohra.

3.4 – dwar *criteria* 1.2 – *Ownership of waste collection vehicles to be dedicated to the contract* – Wara diskussjoni, sar qbil ukoll li kien hemm min ghandu aktar minn trakk wiehed, dawn ukoll ser ikunu mifruxin f'lokalitajiet ohra peress li hemm min ghandu aktar minn kuntratt I f'diversi lokalitajiet ohra.

3.5 – dwar *criteria* 1.3 – *date of manufacture of collection vehicle/s* – vetturi tas-sena 2003 nghataw 2 punti, vetturi tas-sena 2004 nghataw 5 punti u vetturi tas-sena 2005 nghataw 8 punti.

3.6 – dwar *criteria* 1.4 – *engine model of collection vehicle* – euro 1, euro 2, euro 3, euro 4 – vetturi euro 3 nghataw 10 punti u vetturi euro 4 nghataw 15-il punt.

3.7 – dwar *criteria* 2 – *References of successfully completed contracts of similar nature and execution* – ghalkemm kien hemm min kellu aktar minn riferenza 1, sar qbil li marki jitqassmu kif inhu muri hawn taht.

3.8 – dwar *criteria* 3 – *Number of default notices issued to the bidder on past contracts – the past 36 months only* – dawn il-punti nghataw skond jekk nhargux *defaults notices* lil kuntratturi, jew min nhargitlu xi default notice nghata 10punti u min ma hargitlux nghata 25 punt.

3.9 -Wara diversi diskussjonijiet, il-punti gew maqsumin kif gej:

| | R&A | | A.Zammit | | E.Zammit | | W.Mifsud | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1.1 | 2 | 2Ft 3Pt<br>4 Contracts | 0 | 0Ft 1 Pt<br>1 Contracts | 15 | 6Ft 2 Pt<br>1 Contract | 15 | 8Ft 2Pt<br>3 Contract + |
| 1.2 | 2 | 7 Trucks,<br>benefit 1<br>No Mepa | 3 | 2 Trucks,<br>Benefit 1 | 10 | 6 Trucks<br>Benefit 6 | 10 | 6 Trucks<br>Benefit ? |
| 1.3 | 2 | 2003 | 5 | 2004 | 5 | 2004 | 8 | 2005 |
| 1.4 | 10 | Euro 3 | 10 | Euro 3 | 10 | Euro3 | 15 | Euro4 |
| 2 | 20 | 4 Recom | 5 | 1 Recom | 8 | 1 Recom<br>Paola LC | 5 | 1 Recom |
| 3 | 25 | No | 25 | No | 25 | No | 10 | 1 PLC |
| Total | 61/100 | | 48/100 | | 73/100 | | 63/100 | |
| | 50/60 | | 39.5/60 | | 60/60 | | 52/60 | |

| | R&A | | A.Zammit | | E.Zammit | | W.Mifsud | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Price per week<br>(Avr. 4 Years)<br>5 days M'Skala | €1630 | | €1710 | | €1734 | | €1852.75 | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1day Ghallies | | | | | | | | |
| Diff per week | €0 | | €80 | | €104 | | €222.75 | |
| Marks Allocated<br>€80 = 5marks | 40/40 | | 35/40 | | 33.5/40 | | 26/40 | |
| Grand Total | 90/<br>100 | | 74.5/<br>100 | | 93.5/<br>100 | | 78/<br>100 | |

3.10 - Sar qbil li l-offerta tas-Sur Elton John Zammit hija l-aktar wahda vantaggjuza u ragonevoli u ghaldaqstant din l-offerta giet maghzula.

**5) <u>Aggornament</u>**

5.1 - Il-Laqgha giet maghluqa fit-8.35pm u aggornata ghal nhar it-Tlieta 20 ta' Marzu 2012 fis-6.00pm.

Approvati llum 20/3/2012.

Kevin Borg

Segretarju

Dominic Grima

Sindku